MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 2323/2003

**Middlesea Insurance plc (C5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha John Paul Vella sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess John Vella (ID 66085M)**

**vs**

**Samantha Baldwin (ID535871M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta Novembru 2003 fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta tliet mija u hamsa u sebghin lira tliet centezmi (Lm375.03) jew somma verjuri rapprezentanti valur ta danni sofferti fil-vettura tal-attur fl-incident stradali li sehh nhar it-30 ta Mejju 2003 gewwa Great Siege road kantuniera ma Sarria street, Floriana bejn il-vettura misjuqa mill-konvenuta numru FAJ 686 u dik proprjeta tal-attur numru JPV 758 prevja dikjarazzjoni fis-sens li inti kont unikament responsabbli ghall-istess incident.

Bl-ispejjes komprizi ta’ consult legali u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta assikuratrici tieghek u bl-imghax kontra l-konvenuta li ngunta ghas-subizzjoni;

Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fit-12 ta’ Marzu 2004 fejn ikkontestat it-talbiet attrici stante li l-incident sehh minnhabba tortijiet imputabbli ghall-istess attur John Paul Vella u kwindi ma hemmx lok ghal kundanna ta danni liema danni fi kwalunkwe kaz ghandhom jigu ppruvati u b’riserva ghal prezentata ta eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda prodotti u ezamina d-dokumenti esebiti nkluz dawk konnessi mal-prova tal-valur tad-danni.

Ikkunsidra:

Illi l-kollizjoni meritu ta dina l-kawza si tratta ta zewg vetturi li ltaqghu f’salib it-toroq li hemm ‘l hinn mill-monument tal-Indipendenza u habtu ma xulxin. Fil-fatt hekk ighid ir-rapport tal-pulizija (a fol 27 sa 30) li rriproduca l-verzjonijiet moghtija mis-sewwieqa rispettivi a tempo vergine kif dal resto jirrizulta wkoll mill-iskizz (a fol 30) kif emendat ( a fol 49). Huwa rilevanti il-posizzjoni tal-vetturi kif imqieghda fit-tieni skizz a fol 49 u cioe aktar lejn in-nofs precizament fuq is-sinjali tal-kaxex mal-art, fattur li jinsab anke kkonfermat mill-fatt li t-traffiku baqa jiskorri normali minnghajr problemi minn wara z-zewg vetturi mahbuta nonostante tali kollizjoni.

Illi l-attur xehed illi hu kien tiela minn Great Siege road bl-intenzjoni li jdur ghal MCP. Waqaf u xeghel l-indicator biex idur. Innota li kienet gejja l-konvenuta minn faccata tieghu pero kkalkola li seta jghaddi. Innota wkoll li l-konvenuta ma kinietx attent wisq fit-trieq peress li mohhha kien fil-vettura ta warajha tant li kienet qed thares lura lejha peress li din kienet qed ittiha fastidju u beda jpaqpqilha. Tant hu hekk li anke wara l-habta, hija harget mill-vettura u baqghet tillatika ma ta warajha u anke tat il-particulars ta din il-vettura lill-Pulizija. L-attur jallega li l-konvenuta baqghet diehla ghal fuqu ghax ma ratux peress li kienet

mohha f’ta warajha. Hu jghid li jaqbel ma l-ewwel skizz biss (a fol 30) pero`, jghid ukoll li wara l-habta t-traffiku baqa skorrevoli normali nkluz xarabanks. Jaqbel ukoll li mal-art kien hemm box junction impingi u li meta sehh l-impatt il-vettura tieghu kienet miexja.

Da parti taghha l-konvenuta tghid li kienet gejja minn fejn il-car park tal-Phoenicia bl-intenzjoni li tinzel lejn il-Furjana cioe minn fejn il-pompa tal-petrol. Hl waqfet, rat kollox clear u kif pprocediet u waslet fuq il-kaxex ta l-art sehhet il-habta. Hija wkoll tghid li kienet ratu gej lill-attur u li kif dan wasal bhalha fuq il-box dar biex imur lejn l-MCP u laqghatha. Il-konvenuta wkoll tikkonferma li wara l-impatt it-traffiku baqa ghaddej normali nkluz karozzi tal-linja. HIja tichad li kienet nfixkla bl-agir ta xi vettura ohra.

Illi tenut kont tal-mod kif sehhet il-habta u tal-verzjonijiet kemmxejn konfliggenti tal-partijiet, wiehed ghandu jezamina x’tghid il-ligi dwar kollizjonijiet li jsehhu f’salib it-toroq partikolarment meta si tratta ta zewg toroq ta equal importance. Jinghad ukoll li minnhabba id-differenza sostanzjali li hemm fil-konfigurazzjoni tat-toroq kif murija fuq iz-zewg skizzi esebiti kien jehtieg li wiehed jifli sew ukoll fisikament l-istess konfigurazzjoni taghhom u dana peress illi fuq it-tieni skizz jidher li l-attur qabad u dar f’salib it-toroq qabel ma kien imissu jdur b’mod u manjiera li ostakola l-karreggjata tal-konvenuta filwaqt li fl-ewwel skizz jidher li kienet il-konvenuta li qalghet il-barra mic-centre strip u ghalqet il-karreggjata tal-attur. Ta min isemmi wkoll li l-pulizija nvoluti xehdu li t-tieni skizz huwa l-aktar wiehed korrett. Jinghad ukoll pero`, li z-zewg sewwieqa jistqarru li raw il-parti l-ohra gejja u xorta wahda baqghu mixjin fid-direzzjoni intesa minnhom. Illi ghalkemm jinghad illi f’kaz  ta intersection ta “equal importance” dak li qieghed fuq il-lemin ghandu jiehu l-prijorita, it-Tribunal ihoss li fil-kaz in ezami din ir-regola ma hix applikabbli peress illi fil-mument tal-impatt iz-zewg vetturi kienu lahqu hargu mit-trieq mnejn kienu gejjin u l-impatt sehh tista tghid fin-nofs tat-trieq cioe fin-nofs tal-intersection il-ghaliex ebda vettura ma cediet lill-ohra nonostante li t-tnejn raw lil xulxin.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li z-zewg sewwieqa kienu ugwalment responsabbli ghall-incident meritu ta dina l-kawza u konsegwentement ghalhekk qieghed jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta mija u sebgha u tmenin lira u hamsin centezmu rapprezentanti nofs l-ispejjes mitluba mill-atturi bl-imghax legali dekorribbli mil-llum u bl-ispejjes ta din l-istanza ghandhom jigu wkoll sopportati nofs bin-nofs bejn l-atturi u l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------